**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Kumpilazzjoni nru. 227/2017**

**Il-Pulizija**
**(Spt. Omar Zammit)**
**vs**
**Falah Masaab**

**Illum, 21 ta' Gunju 2017**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra

**Falah Masaab,** detentur tal-Karta tal-Identita bin-numru 26922A;

Akkuzat talli:

1) fil-11 ta' Mejju 2017 u fil-perjodu ta' qabel din id-data, bil-hsieb li jaghmel qliegh li jkun, ghin, assista, ta parir jew habrek biex persuna ohra tidhol jew taghmel tentattiv biex tidhol jew tohrog jew tghaddi minn jew taghmel tentattiv biex tghaddi minn jew taghmel tentattiv biex tohrog minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta'

Malta, jew li kkongura f'dak is-sens ma xi persuna ohra. *(Kap 9, Art 337 A tal-Ligijiet ta' Malta)*

Akkuzat ukoll talli:

2) matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifika, bidel, jew ghamel xi tibdil f'dokument, jew uza jew kellu fil-pussess tieghu dokumenti (ID Cards Taljani) li hu kien jaf li gew ffalsifikati, mibdula jew sar xi tibdil fihom *(Kap. 61, Art. 5 tal-Ligijiet ta' Malta)*

Kif ukoll akkuzat talli:

3) matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor ffalsifikat. *(Kap. 9, Art. 189 tal-Ligijiet ta' Malta)*

4) nhar it-11 ta' Mejju 2017 u xhur ta' qabel, fil-gzejjer Maltin ghint jew assistejt lil xi persuni biex jinzlu l-art jew jittantaw li jinzlu l-art, jew li toqghod gewwa Malta jew li titlaq minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-Istat, jew hbejt jew tajt kenn lil xi persuna li tkun taf, jew kellek tassew ghax tahseb, li tkun qeghda f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Immigrazzjoni. *(Kap 217., Art. 32 (1) (a) tal-Ligijiet ta' Malta)*

U akkuzat aktar talli:

5) U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ffalsifikajt xi dokument jew kopja vera ta' dokument jew registrazzjonijiet

maghmula skond l-att dwar l-Immigrazzjoni. *(Kap. 217, Art. 32 (1d) tal-Ligijiet ta' Malta)*

6) U aktar talli nhar 21 ta' Ottubru 2015, gewwa l-ghassa tal-pulizija fil-Hamrun, sabiex tikseb xi vantagg jew beneficcju ghalik jew ghall-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamilt dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew tajt taghrif falz. *(Kap. 9, Art. 188 (1) tal-Ligijiet ta' Malta)*

7) U aktar talli nhar 21 ta' Ottubru 2015 u fil-granet ta qabel, gewwa dawn l-gzejjer, xjentement ghamilt dikjarazzjoni falza f'talba jew f'rakkomandazzjoni li ghandha x'taqsam mal-hrug jew tigdid ta passaport. *(Kap. 61, Art. 6 tal-Ligijiet ta' Malta)*

8) U aktar talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi assocjajt ruhek ma xi persuni jew persuna f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta li ghalih hemm piena ta' prigunerija. *(Kap. 9, Art. 48A tal-Ligijiet ta' Malta)*

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-dokumenti u qieset il-provi kollha prodotti;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat illi fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2017, l-imputat irregistra ammissjoni li giet debitament registrata fil-verbal tal-istess seduta.

Rat illi f'dik is-seduta l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tieghu wara illi l-Qorti tat lill-imputat zmien ragonevoli sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tieghu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena;

Ikkunsidrat:

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghaldaqstant il-Qorti ma tistax hlief issib htija fl-imputat;

Illi l-fedina penali tal-imputat hija netta;

Illi mill-'pre-sentencing report' jirrizulta illi l-imputat ilu jghix mal-familja tieghu hawn Malta ghal dawn l-ahhar ghaxar snin, huwa bniedem tal-familja u ghandu hamest itfal li jipprovdi ghall-manteniment taghhom.

Illi l-akkuzi li l-imputat huwa akkuzat bihom huma ta' natura serja u gravi stante li jimpingu fuq is-sigurtà nazzjonali.

Illi l-akkuzi 4 u 5 huma assorbiti fl-ewwel akkuza stante illi l-proviso tal-istess jghid:

> *"tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja mill-Qorti tal-Maġistrati, multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien, kemm-il darba mhix stabbilita għal dak ir-reat piena akbar b'liġi oħra."*[1]

[1] Enfasi tal-Qorti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 48 A, 188 (1), 189, 337 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 5 u 6 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Artikoli 32 (1) (a) u 32 (1) (d) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta’ Malta wara li kkunsidrat l-ammissjoni bikrija tal-imputat, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa kumplessiva ta’ tlieta u ghoxrin elf u mitejn u tlieta u disghin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€23,293.73).

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem car l-import ta’ din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D, M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur